**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 5 ta' Marzu 2024**

**Kumpilazzjoni Numru 9/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mark Mercieca)**

**Vs**

**Hanibal N. Bashir Mohamed**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Hanibal N. Bashir Mohamed ta' 33 sena, u detentur tal-Karta tal-Identita Maltija bin-numru 0151164A li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

1. *Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikolużi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-użu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-użu esklussiv tieghu;*

*2. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;*

*3. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;*

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat is-16 ta' April 2020, ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) li permezz tiegħu, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta kif ukoll l-eżenzjoni tal-partijiet mis-smigħ mill-ġdid tal-provi gia mismugħa minn din il-Qorti diversament preseduta;

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti fejn din l-istess Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-nota ppreżentata mill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga li permezz tagħha l-Bord informa lil din il-Qorti li huwa sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni bil-konsegwenza li dan il-każ ġie kkunsidrat bħala magħluq b'suċċess;

Semgħet ix-xhieda prodotti quddiemha kif ukoll rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemgħu minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta;

Semgħet trattazzjoni finali;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

**Ikkunsidrat:**

**Provi Prodotti**

Fil-mori ta' din il-kawża xehdu s-segwenti:

**PC 138 Joseph Portelli** spjega li f' Marzu 2020 kienet qed issir sorveljanza ġewwa Marsalforn u osservaw li l-imputat kien qed jiltaqa' ma' xi nies magħrufin fuq l-abbuż tad-droga u l-istess persuni kienu jmorru jħabbtulu d-dar. Spjega li wara li nħareġ Mandat ta' tfittxija, ma kien instab xejn fuq il-persuna tiegħu. Spjega li ġol-appartament fejn jgħix kien instabet borża b'sustanza ħadra suspettata ħaxixa u anke ammont ta' boroż ġodda bil-kantunieri maqtugħin kif ukoll EUR 3,000. Spjega li nstabu wkoll sikkina maħruqa u mqass mentri fil-komun tal-appartamenti kien hemm speaker li fih kien hemm ammont ta' boroż bis-sustanza ħadra suspettata kannabis u miżien diġitali kif ukoll pakkett tas-sigaretti li kien fih boroż bit-trab abjad suspettata kokaina. Spjega li fl-appartament kien instab l-ispeaker ta' pariġġ dak li kien hemm fuq il-bejt tal-komun tal-appartamenti.

**PS 715 Lucian Gatt u PS 364 David Borg** ikkonfermaw il-verżjoni tal-fatti hekk kif rapportati minn PC 138 Joseph Portelli.

**Dr Marisa Cassar** ppreżentat ir-rapport tagħha li fih kkonkludiet li kien hemm numru ta' eżebiti li l-profil ġenetiku li ħareġ minnhom jaqbel ma' tal-imputat.

**Gilbert Merċieċa** ppreżenta r-rapport tiegħu u spjega li mill-analiżi li saru fuq il-miżien kif ukoll is-sustanzi rriżulta li l-miżien kien pożittiv għal residwi tal-kokaina u kannabis. Spjega li l-materjal ta' lewn aħdar kien ikkonfermat bħala kannabis fejn il-piż totali kien ta' 278 gramma u t-trab abjad kien ikkonfermat bħala kokaina bil-piż totali ta' 4.9 grammi.

**PS 884 Karl Micallef** ppreżenta r-rapport tiegħu u spjega li mill-eżamijiet neċessarji għall-impronti diġitali rriżultaw 85 impronta.

**Joseph Mallia** eżebixxa r-rapport tiegħu u kkonferma li minn dawk l-impronti diġitali li kienu tajbin għall-komparazzjoni, kollha kienu jaqblu ma' tal-imputat.

**Anton Mizzi** eżebixxa t-traduzzjoni mill-Ingliż għal Malti ta' nota tal-Avukat Ġenerali.

**Max Xuereb** eżebixxa r-rapport tiegħu.

**PC 1527 Greg Marney** xehed li huwa kien preżenti meta ġie mwaqqaf l-imputat. Spjega li dan ġie avżat li hu u l-kollegi tiegħu kienu pulizija u li kien qiegħed taħt arrest. Spjega li huwa niżżel lill- imputat fil-lock up għal iktar investigazzjonijiet.

**PC 2298 Stephanie Spiteri** xehdet li hija kienet interċettat lill-imputat ħiereġ mill-blokka appartamenti fejn kien jirrisjedi. Spjegat li l-imputat ġie nfurmat bil-Mandat ta' arrest u tfittxija. Spjega li mit-tfittxija li saret instabet sustanza suspettata kannabis u xi boroż bil-kantunieri maqtugħin. Spjegat li fl-indana tat-taraġ instab speaker. Spjegat li l-ispeaker li nstab barra, hija kienet rat ieħor bħalu fl-appartament.

**Supretendent Dr Frank Anthony Tabone** spjega li meta kien spettur, irċieva informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat kien qiegħed ibiegħ xi sustanzi illegali. Spjega li nħareġ Mandat u kien ta' struzzjonijiet biex ikun hemm ftit sorveljanza. Spjega li l-imputat ġie mwaqqaf fejn saret tfittxija fuq il-persuna tiegħu u fuq il-vettura tiegħu. Spjega li saret tfittxija ukoll fir-residenza tiegħu. Ikkonferma li mit-tfittxija li saret ġewwa r-residenza tal-imputat, ġew elevati xi sustanzi u xi affarijiet relatati mad-drogi u mit-tfittxija fil-komun, instab speaker li meta nfetaħ kien fih xi sustanzi suspettati droga kif ukoll miżien u affarijiet oħra relatati ma' traffikar ta' droga. Kompla jgħid li ġiet ordnata inkjesta maġisterjali fejn inħatru varji esperti. Spjega li l-imputat ġie skortat u fl-interrogazzjoni tiegħu, l-imputat għażel li ma jweġibx għad-domandi għajr għal xi żewġ domandi ġenerali.

**Dr Kevin Sammut Henwood** spjega li l-imputat ibati minn problema ta' dipendenza fuq l-użu tal-kannabis, liema dipendenza hija waħda severa. Spjega li l-imputat kien jagħmel użu kwotidjan tal-kannabis. Spjega li dan l-aħħar l-imputat irnexxielu jnaqqas xi ftit l-użu tagħha minħabba kuntatt li għamel mal-Aġenzija Sedqa. Spjega li l-imputat kien ġieli jpejjep mas-seba' grammi kannabis kuljum iżda issa kien naqqas għal żewġ grammi kannabis.

**Carl Colin Mercieca** xehed li l-imputat qiegħed f' kuntatt regolari mal-aġenzija Sedqa minħabba l-użu tal-kannabis. Spjega li l-imputat beda jnaqqas l-ammont ta' użu għal ammont ferm inqas kuljum.

**Margaret De Battista bħala Assistent Reġistratur tal-Qrati** spjegat li l-imputat ma għandux aktar kawżi pendenti fil-Qorti. Spjegat li l-imputat kellu kawża oħra li kienet ġiet deċiża fl-4 ta' Frar 2021 u li minnha ma kienx sar appell.

**Spettur Keith Xerri** eżebixxa fedina penali aġġornata tal-imputat.

**Joshua Attard in rappreżentanza ta' BNF Bank** xehed li fil-11 ta' April 2020 saret *bank withdrawal* ta' EUR 1,900 mill-kont tal-imputat mill-istess imputat.

**Saviour Theuma in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali** xehed li l-imputat kien jieħu benefiċċji soċjali li jikkonsistu f' assistenza għad-diżimpjieg u benefiċċju tal-enerġija.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti qieset il-provi kollha prodotti. Mill-provi prodotti, din il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet kollha ġew ippruvati. Għalkemm id-difiza sostniet li l-pussess ta' dawn is-sustanzi illeċiti kienu għal użu personali tal-istess imputat li jidher li għandu dipendenza fuq ċerti sustanzi illeċiti, din il-Qorti tqis li ċ-ċirkostanzi kif instabu u kif ukoll l-affarijiet li nstabu fosthom boroż, miżien u somma ta' flus, huma kollha provi li l-użu tad-droga misjuba ma kienx wieħed għal użu personali. In oltre, għalkemm parti mis-sustanzi illeċiti nstabu ġo speaker misjub fil-partijiet komuni tal-blokka appartamenti fejn kien jirrisjedi l-imputat, huwa ferm rilevanti li speaker li huwa identiku għal dak li nstab fil-partijiet komuni, instab fl-appartament tal-imputat. Huma rilevanti wkoll il-konstazzjonijiet magħmula minn Dr. Marisa Cassar u Joseph Mallia. Fid-dawl ta' dan kollu, għalkemm l-imputat għażel li ma jixhidx u lanqas irrisponda għal maġġor parti tad-domandi magħmula lilu waqt l-interrogazzjoni, din il-Qorti tqis li minn dak li tressaq quddiemha, hemm biżżejjed provi li jwasslu għal sejbien ta' ħtija tal-imputat.

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti qieset l-imputazzjonijiet li tagħhom il-qua imputat qed jinsab ħati kif ukoll iċ-ċirkostanzi relatati mal-istess u l-fedina penali tiegħu.Qieset ukoll li mill-atti proċesswali jirriżulta li din il-Qorti assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga fit-termini tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u rreferiet lill-qua imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-droga. Irriżulta li l-imputat ikkonkluda l-proċess quddiem dan il-Bord b'suċċess. Illi ċertament, dawn il-fatturi kollha għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni u ċertament ukoll li lkoll ser ikunu riflessi fil-piena jew sanzjoni li l-Qorti tinflġġi. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma li b'applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta għandha tinfliġġi piena alternattiva minn dik ta' priġunerija effettiva.

**Decide:**

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti, wara li rat it-Taqsima III, IV u VI, l-Artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta**

u r-regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(b) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-istess imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Konsegwentament, l-Qorti qed tikkundana lill-istess imputat għal multa ta' ħames mitt Ewro (EUR 500) u għall-perjodu ta' sentejn priġunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum.

A tenur tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali dina l-Qorti qegħda tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż fl-ammont ta' EUR 4,283.40ċ (spejjeż imħallsa lil Dr. Marisa Cassar); EUR 1888 (spejjeż imħallsa lil Gilbert Merċieċa); EUR 390.74ċ (spejjeż ta' PS 844 Carl Micallef); EUR 3,957.26ċ (spejjeż imħallsa lil Joseph Mallia); EUR 341 (spejjeż mħallsa lil Max Xuereb); EUR 1864 (spejjeż imħallsa lil Max Xuereb); u EUR 382.50ċ (spejjeż imħallsa lil Dr. Kevin Sammut Henwood) fi żmien tliet xhur mil-lum.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) għal Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-aħħar net, il-Qorti tordna l-konfiska tal-corpus delicti kif ukoll id-distruzzjoni tad-droga eżebita, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita' tiegħu taħt l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża hawn fuq indikat.

(ft) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft) Joseph Grech
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur